**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU: 2521**

Kaz Nru: 3569/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mr. Sammy M. Hazzouri

u

Mr Owen Falzon

Mrs Arlette Falzon Seychell

For San Filippu Pharma Ltd

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ); FIPD**

**Illum 5 t'April, 2018**

1. **INTRODUZZJONI**

It-Tribunal ircieva l-ilment tar-rikorrent permezz ta' rikors bil-lingwa Ngliza rregistrat fil-Qorti nhar is-7 ta' Lulju 2017 mir-rikorrent innifsu. Ir-rikorrent imbaghad, wara li kienu ghalqu l-erba' xhur li fihom sata' jipprezenta l-ilment, ghamel rikors bil-lingwa Maltija. Fl-ewwel seduta li nzammet mit-Tribunal ir-rikorrent ma kienx assistit minn avukat. Ir-rikorrent ikkontenda li ghamel hekk peress illi ma kellux impjieg, pero` rrizerva d-dritt illi jkun assistit minn avukat f'seduti ohra. Fil-fatt fis-seduta ta' wara kien assistit minn avukat. Dawn iz-zewg seduti msemmija saru sakemm hareg dad-digriet.

Is-socjeta` ntimata qajmet numru ta' eccezzjonijiet u t-Tribunal, li kien diga` ra d-dikjarazzjonijiet tal-kaz intavolati mir-rikorrent u mis-socjeta` ntimata, iddelibera li jiehu decizjoni dwar jekk jilqax tali eccezzjonijiet, u dan qabel ma jisma' l-mertu tal-kaz.

2. **TRATTAZZJONIJIET DWAR L-ECCEZZJONIJIET, liema eccezzjonijiet gew maghmula mis-socjeta` ntimata**:

2.1 **Min-naha tas-socjeta` ntimata**:

l-ewwel eccezzjoni: Il-proceduri ntavolati mir-rikorrent huma nulli minhabba li gew istitwiti bil-lingwa Ngliza. M'hemm l-ebda raguni taht il-Kapitlu 189 tal-Ligijiet ta' Malta li twassal biex tali proceduri jkunu bl-Ingliz. L-Artiklu 77 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li japplikaw anki fil-kaz odjern. Tant hu hekk illi jghid illi t-Tribunal ikollu dawk is-setghat moghtija lill-Qorti Civili Prim'Awla. Jigifieri johrog car illi r-regoli li japplikaw fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili japplikaw ghal dan it-Tribunal. Anki rikors illi jigi pprezentat f'kazijiet bhal dawn jigi pprezentat fir-Registru tal-Qorti. Dan mhux l-uniku Tribunal illi r-rikorrent ma ghandux il-htiega li jkun akkumpanjat minn avukat; it-Tribunal ghal Talbiet zghar ma jezigix illi r-rikorrent ikun assistit minn avukat. Mhix bicca ta' ghazla jekk regoli civili japplikawx dejjem u f'kull kaz.

It-tieni eccezzjoni: Il-proceduri ntavolati mir-rikorrent huma nulli wkoll peress illi gew intavolati skond "l-Industrial Tribunal Act Article 73 (9)" u dal-Att ma jezistix. Kieku r-rikorrent ried jirreferi ghall-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jsib illi l-Artiklu 73 (9) bl-ebda mod ma jaghmel riferenza ghal dak illi ried ifisser bih ir-rikorrent.

It-tielet eccezzjoni: Fl-att imressaq mir-rikorrent m'hemmx talba specifika biex it-Tribunal jiddeciedi w jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet wahda ngusta. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-kaz mhix iffirmata.

Ir-raba' eccezzjoni: It-talbiet, "jekk tista' ssejhilhom hekk", tar-rikorrent jeccedu l-kompetenza tat-Tribunal. Ir-rikorrent talab biex jithallas "certu salarji"; ghal dak il-ghan hemm id-Dipartiment tal-Impjiegi w Relazzjonijiet Industrijali. Ir-rikorrent talab ukoll sanzjonijiet mill-Awtoritajiet tas-Sahha. Fit-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni mill-Ingliz ghall-Malti r-rikorrent talab kumpens ghall-fatt illi huwa kien se jsibha difficli biex isib impjieg, liema talba ghal tali kumpens ma ghamilhiex fl-ewwel rikors, dak bil-lingwa Ngliza.

Il-hames eccezzjoni: L-*employer* tar-rikorrent kien San Filippu Pharma Ltd u mhux is-Sur Owen Falzon u/jew is-Sinjura Arlette Falzon Seychell u ghalhekk il-proceduri ma kellhomx jinfethu bil-mod li nfethu.

2.2 **Min-naha tar-rikorrent**:

Fil-kaz odjern kull referenza li ssir ghal rikors, Qorti, citazzjoni, avviz, rikorrent, ma japplikax. It-Tribunal ma ghandux quddiemu rikors jew rikorrent, izda lment. Ghax dan huwa Tribunal u skond il-Kapitlu 452 Artiklu 78 subartiklu 3 il-procedura tat-Tribunal jirregolaha t-Tribunal innifsu. Allura t-Tribunal mhux necessarjament marbut bil-formalizmu tal-Kapitlu 12, li jirregola l-procedura fil-Qrati jew fi Tribunali ohrajn. Fil-kaz tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar hemm differenza ghax fejn il-legizlatur ried illi tigi osservata l-procedura ghamel riferenza ghaliha. U anki fit-Tribunal tat-Talbiet Zghar, il-Kapitlu 12 ma jigix osservat kollu.

Li jrid jihu *into consideration* it-Tribunal hu li jisma' l-kaz fuq il-mertu sakemm ma jmurx kontra r-regoli tal-gustizzja naturali, u cioe` sakemm l-ilment illi ressaq is-Sur Hazzouri meta

wasal ghand in-naha l-ohra setghux jifhmu dak illi qieghed ighid, setghux jipprezentaw id-difiza taghhom.

Dan ghamluh, ghax ressqu l-eccezzjonijiet taghhom kemm dawk preliminari kif ukoll fuq il-mertu.

Ir-referenza ghall-Kapitlu 189 ma tapplikax ghaliex il-Kapitlu dejjem jaghmel riferenza ghall-Qorti u mhux ghal Tribunal Industrijali. Kull fejn il-Kapitlu 452 ried jaghmel riferenza ghal Kapitlu 12 ghamilha espressament. Fejn il-Ligi ma taghmilx riferenza ghall-procedura dat-Tribunal ma ghandux jimxi maghha rigorozament.

L-Artiklu 77 tal-Kapitlu 452 jitkellem dwar is-setghat generali tat-Tribunal, imfissrin fis-subartikli ta' l-istess artiklu, u li jaghmlu riferenza ghall-mod kif jitharrku x-xhieda u kif jinghata l-gurament. F'dak is-sens ghandhom jigu rrispettati r-regolamenti. Ghax kieku kellhom jigu rrispettati r-regolamenti kollha, kif qed tallega s-socjeta` ntimata, kien ikun hemm bzonn illi s-Sur Hazzouri jkun mill-bidu rapprezentat. Kif tista' persuna li ma tkunx legali timxi mal-procedura?

Rigward l-eccezzjoni dwar jekk l-*Industrial Tribunal Act* jezistix, m'hemmx kwistjoni li l-Att ma jezistix. Pero` huwa evidenti li l-proceduri odjerni qed isiru *ai* termini ta' Kapitlu 452; dan huwa car mill-fatt illi qed jitkellmu fuq *unfair dismissal* u dan huwa ttrattat mill-Kapitlu 452.

Il-mod illi t-Tribunal imexxi l-procedura tieghu u l-fatt illi l-Artiklu 78 (2) ta' l-istess Kapitlu jhalli lil min iressaq l-ilment tieghu li ma jkunx assistit minn avukat huwa sintomu ta' l-idea ta' dat-Tribunal.

Dat-Tribunal mhux Qorti, li allura l-procedura hija rigoruza. L-anqas fil-Qorti ghalliex il-Qrati taghna jghallmu li att li jista' jigi salvat, jigi salvat biex il-kaz jinstama' dwar il-mertu. Kieku l-Kapitlu li jsawwar lit-Tribunal Industrijali ried illi l-ilment ikun imressaq minn persuna li tkun midhla tal-Ligi kien jezigi li jkun f'forma ta' rikors iffirmat minn avukat, fil-Prim'Awla, anki minn prokuratur legali, u biex b'hekk ikun assigurat illi l-procedura tkun rispettata.

Rigward l-eccezzjoni li r-rikorrent ma ressaq l-ebda talba u li d-dikjarazzjoni mhix iffirmata, id-dikjarazzjoni hija annessa ma' l-ilment illi hu ffirmat.

It-Tribunal ghandu jfittex is-sustanza w mhux il-formalizmu.

Dwar l-eccezzjoni li t-talbiet tar-rikorrent huma nulli peress illi jeccedu l-kompetenza tat-Tribunal, l-ilment huwa dwar tkeccija ngusta. Jekk hemm talbiet ohrajn illi dat-Tribunal ma ghandux is-setgha li jikkunsidra, dik hija kwistjoni ohra.

Rigward l-eccezzjoni li Owen u Arlette Falzon mhumiex il-legittimi kontraddituri, jidher car illi s-Sur Hazzouri, fl-ilment tieghu, indirizzhom, "for San Filippu Pharma Ltd". Is-Sur Hazzouri kien impjegat mal-Kumpanija u l-ilment huwa ndirizzat lejn il-Kumpanija.

3. **KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL DWAR L-ECCEZZJONIJIET**

3.1 Dwar l-eccezzjoni li, "l-proceduri ntavolati mir-rikorrent huma nulli stante li mhumiex bil-Malti":

3.1.1 Is-socjeta` ntimata bbazat dil-eccezzjoni fuq il-Kapitlu 189 tal-Ligijiet ta' Malta. Imma l-Kap 189 jittratta dwar b'liema lingwa ghandu jsir is-smiegh tas-seduti; ma jirregolax ir-rikors u d-dikjarazzjoni tal-kaz. Tant hu hekk illi artiklu 2a tal-Kapitlu ighid illi, "F'qorti ta' gurisdizzjoni civili, meta l-partijiet kollha jkunu persuni li jitkellmu bl-Ingliz, il-qorti ghandha tordna illi l-proceduri jsiru bl-ilsien Ingliz." Anki, is-subartiklu b jezigi li, "meta wahda … mill-partijiet tkun … (titkellem) bl-Ingliz u l-partijiet kollha li jitkellmu bil-Malti jaghmlu dikjarazzjoni fl-inkartament tal-qorti li jaccettaw li l-proceduri jsiru bl-ilsien Ingliz … il-qorti tista' tordna li l-proceduri jsiru bl-ilsien Ingliz." Tali dikjarazzjoni u tali ordni ma tistax issir qabel l-ewwel seduta tat-Tribunal peress illi huwa fl-ewwel seduta tat-Tribunal illi t-Tribunal u l-partijiet jistghu jikkonfermaw b'certezza b'liema lsien jitkellmu l-partijiet. Huwa fl-ewwel seduta, li t-Tribunal jistabilixxi b'liema lsien ghandu jsir il-process, jigifieri wara li jkun sar ir-rikors, u dan peress illi t-Tribunal ma ghandux kontroll fuq b'liema lsien isir ir-rikors, peress illi meta jsir jaf bil-kaz, ir-rikors ikun ga sar.

Fejn il-legizlatur ried illi t-Tribunal Industrijali jkun ikkundizzjonat mill-Kapitlu 12, kien ighid hekk esplicitament. Fil-fatt tali riferenzi fir-rigward tat-Tribunal jezistu f'Kapitlu 452 artiklu (i) 73 (6) (d), u (e), dwar illi f'kaz ta' appell mit-tnehhija ta' membru tat-Tribunal, "ir-regoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirregolaw is-smigh u d-determinazzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw ghal dak l-appell."; (ii) artiklu 73 (8), rigward id-dmirijiet tas-Segretarju tat-Tribunal; (iii) artiklu 73 (10) (c), fuq id-dritt tal-partijiet li jitolbu r-rikuza ta' membru tat-Tribunal; (iv) artiklu 76 (1) dwar meta c-*chairperson* tat-Tribunal jista' jigi rikuzat jew ghandu jastjeni milli jservi bhala *chairperson*; (v) artiklu 77 (1) dwar is-setghat tat-Tribunal; (vi) artiklu 79 (6) dwar li ordnijiet tat-Tribunal rigward rifuzjoni ta' hlas u rigward hlas ta' penali jikkostitwixxu titoli esekuttivi; (vii) artiklu 82 (3) dwar rikors lill-Qorti ta' l-Appell fuq decizjoni tat-Tribunal; u (viii) artiklu 82 (4) li jitkellem fuq l-esekuzzjoni tas-sentenzi w decizjonijiet tat-Tribunal. Imkien fil-Kapitlu 452 ma jobbliga lit-Tribunal illi jkun ikkundizzjonat mill-Kapitlu 12 hlief fit-tminn istanzi msemmija f'dal-paragrafu w l-ebda wahda minnhom ma tobbligah illi jannulla process abbazi li r-rikors ma jkunx bil-Malti.

Il-procedura li biha "l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta …" ghandhom jigu riferiti lit-Tribunal hija dettata mill-Artiklu 75 (3) tal-Kap 452, viz., "Kull referta … ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza, ipprezentata fir-registru tat-Tribunal …." Ma taghmilx referenza ghall-Kap. 12.

Il-legizlazzjoni sussidjarja 452.18, li tirrigwarda r-Regoli dwar il-Procedura tat-Tribunal Industrijali, ma ssemmix il-htiega ghal rikorsi biex issir talba biex ilment jinstama' mit-

Tribunal. Mela, jekk ir-rikors mhux necessarju li jsir, l-argument dwar l-ilsien uzat fir-rikors huwa inutli.

3.1.2 Is-socjeta` ntimata sostniet illi t-Tribunal ghandu dawk is-setghat li bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (KOPC) huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim'Awla. Skond is-socjeta` ntimata dan ifisser illi, "r-regoli li japplikaw fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili japplikaw ghal dan it-Tribunal." (pagna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-25 ta' Jannar 2018) Dawn is-setghat huma moghtija lit-Tribunal permezz ta' l-artiklu 77 (1) tal-Kap 452. Izda ghal dat-Tribunal dan ifisser illi jekk it-Tribunal jidhirlu li ghandu jannulla process, jista' jannullah, ghaliex il-Qorti Civili ghandha dik is-setgha; imma tali setgha tigi ezercitata biss jekk it-Tribunal isib illi tali annullament huwa gustifikat fl-assjem tal-kunsiderazzjonijiet illi jihu t-Tribunal. Ghalhekk, ghal dat-Tribunal, l-argument tas-socjeta` ntimata ma jregix. L-Artiklu 77 jaghti lit-Tribunal is-setghat izda ma jsemmix illi jaghti wkoll l-obbligi li bil-KOPC huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim'Awla.

3.1.3 "It-Tribunal mhux Qorti Ordinarja izda tribunal kwazi gudizzjali." – hekk tennunzja s-sentenza tat-13 ta' Frar 1997 fil-kaz Michael Mallia noe versus Carmel Debono noe et moghtija mill-Onor. Imhallfin Carmel A. Agius, Noel V. Arrigo, u Giannino Caruana Demajo. Id-distinzjoni bejn it-Tribunal u l-Qrati Ordinarji tohrog ukoll fis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2003, tac-citazzjoni numru 23/2001/1, tal-Qorti Civili Prim'Awla mehuda mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri, li tghid, "Dan it-Tribunal (Industrijali) ghandu gurisdizzjoni esklussiva konferita lilu b'ligi specjali … sabiex jihu konjizzjoni ta' dawn il-kazijiet, b'mod li l-Qrati Ordinarji huma ezawtorati milli jezaminaw u jiddeciedu kazijiet ta' din ix-xorta."

Ghaldaqstant il-proceduri li normalment japplikaw ghall-Qrati Ordinarji mhux bilfors japplikaw rigorosament ghat-Tribunal.

Dan hu mplikat ukoll fl-Artiklu 78 (2) tal-Kapitlu 452 fejn jistipula li, "Il-kaz ghal kull parti fit-tilwima jista' jigi pprezentat mill-parti nnifisha li tista' taghzel li tigi rapprezentata jew mghejjuna minn persuna jew persuni tal-fiducja taghha." Mela fil-kaz tat-Tribunal, ir-rikorrent mhux obbligat illi jkun assistit jew rapprezentat minn avukat jew persuna midhla tal-Ligi. U kemm il-parti kif ukoll il-persuna/persuni tal-fiducja taghha, naturalment, tista' tkun midhla tal-ligi u tista' ma tkunx; u l-bicca l-kbira tar-rikorrenti tat-Tribunal huma mpjegati jew ex impjegati li m'humiex familjari mal-ligi. Fil-kaz odjern ir-rikorrent, skond dikjarazzjoni li ghamel fir-rikors, ghamel ir-rikors minghajr l-assistenza ta' avukat, avolja hu mhux avukat, peress illi meta ghamel ir-rikors ma kellux impjieg.

La r-rikorrent mhux obbligat illi jkun assistit/rapprezentat minn persuna midhla tal-Ligi huwa ovvju li l-legizlatur ma eskludiex illi r-rikorrent ma jkunx intiz fil-proceduri guridici, u li minkejja tali 'injoranza' (fis-sens Latin tal-kelma) holoq it-Tribunal kif halqu biex it-Tribunal jiffoka fuq il-meriti tas-sustanza tal-kaz, minghajr ma tittiefes il-gustizzja naturali, u ma joqghodx ifettaq fuq proceduri gudizzjali; dan tribunal mahluq *ad hoc* biex jimxi bl-anqas formalizmu possibbli u bi speditezza. U la huwa hekk, it-Tribunal ma ghandux jannulla

process minhabba finezzi legali;  aktar u aktar jekk dawn it-teknikalitajiet ma japplikawx tassattivament w inezorabilment fil-kuntest tat-Tribunal.

Fil-fatt l-istess artiklu 78 jaghti l-fakulta` lit-Tribunal illi, "jirregola l-procedura tieghu stess. Tkun xi tkun il-procedura li tigi wzata, it-Tribunal ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz;  u, bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, it-Tribunal ghandu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu fuq kull haga b'dak il-mod illi jidhirlu xieraq." Huwa ovvju li l-Legizlatur ried lit-Tribunal jikkoncentra fuq il-qofol tal-meriti tal-kaz u dan minghajr ma jfettaq fuq proceduri legali li bl-ebda mod ma jaffettwaw il-meriti.   Fuq kollox, il-fatt illi r-rikors sar bl-Ingliz, li ghal Malta huwa lsien ufficcjali, ma jikser l-ebda dritt fondamentali tas-socjeta` ntimata;  is-socjeta` ntimata fehmet sew il-kontenut tar-rikors, tant illi rribattietu permezz tad-dikjarazzjoni tal-kaz taghha, ta' l-eccezzjonijiet illi qajmet, u tat-trattazzjoni li ghamlet dwar l-istess eccezzjonijiet.   Il-principju fundamentali hu li z-zewg partijiet fit-tilwima jifhmu ghal kollox il-process kollu minghajr diffikulta` u jesprimu lilhom innifishom b'mod illi l-lingwa ma tkunx ta' ostaklu ghal tali fehma w tali espressjoni.

3.1.4   Ir-rikorrent kellu kaz iehor quddiem it-Tribunal diversament presjedut, ghamel ir-rikors bl-Ingliz u dak it-Tribunal accetta r-rikors.   Allura dat-Tribunal jifhem ghaliex ir-rikorrent ghamel ir-rikors lit-Tribunal odjern bl-istess ilsien illi ghamel fil-kaz l-iehor.   Il-kaz l-iehor kien 3075/FM.   Dan ta' l-ahhar ma kienx l-uniku kaz li t-Tribunal, diversament presjedut, laqa' avolja r-rikors sar bl-Ingliz;  kaz iehor huwa 3317/CC.

3.1.5   Il-Qorti ta'  l-Appell jaghmilha cara li, "L-impunjazzjoni ta' decizjoni tat-Tribunal Industrijali … hija limitata ghal … (a) eccess ta' gurisdizzjoni, (b) nonosservanza ta' l-istess ligi kostitwita (Kap. 266), u finalment (c) non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fundamentali tal-gustizzja." (sentenza taz-17 ta' Mejju 1993 moghtija mis-STO Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, l-Onor. Joseph A. Herrera, u l-Onor. Carmel A. Agius fil-kaz Dott. Vincent Falzon noe versus Isabelle Grima)   Dis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tikkristallizza s-salvagwardji ewlenin illi t-Tribunal huwa mistenni li jihu.

3.1.6   Fl-ewwel seduta tas-smiegh tal-kaz mit-Tribunal ir-rikorrent qabel illi s-smiegh isir bil-Malti peress illi r-rikorrent iddikjara fl-istess seduta li hu jhossu komdu kemm bl-Ingliz kif ukoll bil-Malti.

Meta t-Tribunal iqis il-kontenut ta' 3.1.1 sa 3.1.6 jiddeciedi  li jirrespingi din l-eccezzjoni numru 3.1.

3.2   Dwar l-eccezzjoni li, "l-proceduri ntavolati mir-rikorrent huma nulli peress illi huma skond Att illi ma jezistix.":

3.2.1   Ir-rikorrent semma l-*Industrial Relations Act,* liema Att ma jezistix, fil-*covering note* tad-dikjarazzjoni tal-kaz li sottometta.   Semma l-Att illi ma jezistix meta pprova jissustanzja li d-dritt illi ghandu li (a) jirregistra l-kaz minghajr assistenza ta' hadd, u li (b) jiddefendi l-kaz huwa stess, jipprovjeni mill-Att illi ma jezistix.

Izda billi r-rikorrent semma Att illi ma jezistix ma jfissirx illi r-rikorrent ma ghandux il-jeddijiet (a) u (b). Fil-fatt dad-drittijiet jipprovjenu mill-Artiklu 78 (2) tal-Kapitlu 452. La r-rikorrent ghandu dawn il-jeddijiet, dat-Tribunal jidhirlu li, jekk jannulla l-kaz abbazi ta' riferenza ghal isem ta' Att illi ma jezistix, ikun qed icahhad lir-rikorrent mid-dritt fundamentali tieghu li ttih ligi vigenti li jfittex sodisfazzjon permezz tat-Tribunal ghal dak illi r-rikorrent iqis bhala ngustizzja fil-konfront tieghu mis-socjeta` ntimata. Dat-Tribunal jidhirlu li fid-dawl ta' daz-zewg provvedimenti ta' l-Artiklu 78 ma jistax icahhad lir-rikorrent l-opportunita` ghal rimedju minhabba finezzi legali. It-Tribunal irid jizen bejn l-opportunita` ghal rimedju u finezzi legali; ghal dat-Tribunal tirbah l-opportunita` ghal rimedju, u ghalhekk ma jistax jaghmel tali cahda.

3.2.2 Oltre dan, jekk it-Tribunal jannulla l-process, ir-rikorrent ma jkollux cans iehor illi jfittex rimedju mit-Tribunal, peress illi jkun skada t-terminu illi fih jista' jaghmel tali rikors. Zgur illi tali cahda tad-dritt sakrosant ta' persuna li tkecciet mill-impjieg illi tinghata smigh xieraq minn tribunal indipendenti, minhabba li r-rikors ikun sar b'lingwa ufficcjali izda mhux dik nazzjonali, u dan minghajr ma impinga fuq id-drittijiet tal-parti l-ohra, tkun ingustizzja minnha nnifisha.

3.2.3 Id-dokumenti 8, 24, 25, u 26 ippresentati mir-rikorrent jirrigwardaw Legislazzjoni Sussidjarja tal-Kapitlu li jaghmel minnu t-Tribunal, cioe` Kap. 452, li huwa l-Kap illi jaghti d-drittijiet rilevanti lir-rikorrent.

3.2.4 Id-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent juri b'mod inkontrovertibbli li l-kaz jirrigwardja l-Kap 452.

Meta t-Tribunal iqis 3.2.1 sa 3.2.4 u fl-isfond ta' 2.1.1 sa 2.1.5 jiddeciedi li ma jilqax din l-eccezzjoni numru 3.2.

3.3 Dwar l-eccezzjoni li "l-proceduri ntavolati mir-rikorrent huma nulli peress illi m'hemmx talba specifika biex it-Tribunal jiddeciedi w jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet wahda ngusta.":

3.3.1 Il-*covering note* tad-dikjarazzjoni tal-kaz ipprezentata mir-rikorrent hija ntitolata, "A Court Case re unfair dismissal and termination of employment". L-ahhar pagna (pagna 15) ta' l-istess dikjarazzjoni r-rikorrent talab lit-Tribunal jordna lis-socjeta` ntimata (i) taghmillu apologija formali, (ii) thallsu minn meta l-impjieg kien itterminat, f'nofs Marzu 2017 ghall-kumplament tas-sena li taghlaq fi Frar 2018 peress illi l-impjieg kellu jkun ta' mill-anqas sena mill-bidu ta' Frar 2017, (iii) thallsu wkoll kumpens peress illi mas-sid ta' qabel sata' jkompli jahdem mill-anqas ghal tlett snin ohra, anki ghaliex kien se jsiba difficli li jsib impjieg iehor peress illi kellu 69 sena ….

3.3.2 Ghat-Tribunal it-talbiet huma cari u huma mmotivati mill-konvinciment tar-rikorrent illi t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet ingusta. Id-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent ma thallix dubju lit-Tribunal illi l-kaz huwa dwar tkeccija allegatament ingusta. Ta' x'hiex ir-rikorrent qed jitlob lit-Tribunal hlas minn meta kellu l-impjieg itterminat sa dak illi r-rikorrent qies bhala l-gheluq possibbli tal-kuntratt ta' l-impjieg? Fil-qafas tad-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent, it-Tribunal jinterpreta li tali talba tqanqlet biex ir-rikorrent jirrikorri ghat-Tribunal biex dan jaghti ragun lir-rikorrent illi, "… they signed with me a new contract through which they believed that this can make their way more easy for them to terminate my employment (and that *sic* what happened as after six weeks I was dismissed)." (pagna 13 tad-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent)

Meta t-Tribunal iqis 3.3.1 u 3.3.2 u fl-isfond ta' 3.1.1 sa 3.1.6 jiddeciedi li jichad din l-eccezzjoni numru 3.3.

3.4 Dwar l-eccezzjoni li "l-proceduri ntavolati tar-rikorrent huma nulli peress illi d-dikjarazzjoni tal-kaz mhix iffirmata.":

Id-dikjarazzjoni tar-rikorrent ghandha *covering letter* indirizzata lit-Tribunal u ntitolata, "A Court Case re unfair dismissal and termination of employment", u li tiddikjara li d-dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrent huwa anness mal-*covering letter*. Dik l-ittra turi li hija ffirmata mir-rikorrent. L-awtenticita` tal-firma mhix kontestata mis-socjeta` ntimata. Ghalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt illi r-rikorrent assuma r-responsabbilta`, ghandu l-patrocinju, u huwa l-awtur tad-dikjarazzjoni tieghu tal-kaz.

Meta t-Tribunal iqis dan u fl-isfond ta' 3.1.1 sa 3.1.6 jiddeciedi li ma jilqax din l-eccezzjoni numru 3.4.

3.5 Dwar l-eccezzjoni li "t-talbiet tar-rikorrent jeccedu l-kompetenza tat-Tribunal".

3.5.1 Is-socjeta` ntimata ppresentat eccezzjoni li tghid illi ghat-talba tar-rikorrent biex jithallas is-salarju minn meta kien imkecci sa meta kellu, skond ir-rikorrent, jaghlaq sena fl-impjieg, hemm id-Dipartiment tal-Impjiegi w Relazzjonijiet Industrijali. It-Tribunal ma jarax ghaliex kwalsiasi salarju li t-Tribunal jista' jsib illi ghandu jithallas lir-rikorrent minhabba terminazzjoni ngusta jeccedi l-kompetenza tat-Tribunal. Barra minn hekk, anki jekk ir-rikorrent jaghmel allegazzjoni ta' ksur ta' kuntratt ta' mpjieg fir-rigward ta' salarju li suppost thallas lir-rikorrent u tali hlas ma sarx, l-Artiklu 75 (1)(b) tal-Kap. 452 ighid illi, "… it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddeciedi … il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu … u r-rimedju ta' haddiem … li … jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titolu I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra." It-Titolu I jipprovdi wkoll ghall-hlas u l-protezzjoni tal-pagi.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jilqax dil-eccezzjoni msemmija f'3.5.1.

3.5.2 Is-socjeta` ntimata rrilevat illi t-talba tar-rikorrent ghal sanzjonijiet mill-Awtoritajiet tas-Sahha fuq is-socjeta` ntimata jeccedu l-kompetenza tat-Tribunal.

L-Artiklu 75 (1) tal-Kap. 452 ighid illi, "… it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurizdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta …"

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' dil-eccezzjoni msemmija f'3.5.2.

3.6 Dwar l-eccezzjoni li fit-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni mill-Ingliz ghall-Malti r-rikorrent talab kumpens ghall-fatt illu huwa kien se jsibha difficli biex isib impjieg, liema talba ghal tali kumpens ma ghamilhiex fl-ewwel rikors, dak bil-lingwa Ngliza; tali kumpens ma satax ikun ikkunsidrat peress illi ma kienx imsemmi fir-rikors, u fid-dikjarazzjoni tal-kaz ma tistax titlob kumpens jekk ma tkunx tlabtu fir-rikors:

It-Tribunal jikkunsidra li l-Artiklu 75 (3) tal-Kap 452 jezigi li, "Kull referta … ghandha … tigi pprezentata mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur tal-allegat." Peress illi r-rikorrent tkecca fil-15 ta' Marzu 2017 u l-verzjoni Maltija kienet ippresentata fl-4 ta' Ottubru 2017, l-erba' xhur skadew u ghalhekk it-Tribunal iqis il-verzjoni Ngliza bhala dik ufficcjali.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' din l-eccezzjoni tas-socjeta` ntimata. Stante li laqa' l-eccezzjoni li l-kumpens mitlub fil-verzjoni Maltija liema kumpens mhux mitlub fil-verzjoni Ngliza ma jistax ikun ikkunsidrat, it-Tribunal ma jarax illi hemm skop illi jidhol fl-argumentazzjoni dwar jekk il-verzjoni Maltija titqiesx bhala rikors jew dikjarazzjoni.

3.7 Dwar l-eccezzjoni li l-*employer* kien San Filippu Pharma Ltd u mhux is-sinjuri Owen Falzon u/jew Arlett Falzon Seychell u ghaldaqstant "il-proceduri ma kellhomx jinfethu bil-mod li nfethu":

Fil-*covering letter* annessa mad-dikjarazzjoni tieghu tal-kaz ir-rikorrent wera bhala *occhio* illi huwa ghamel il-kaz kontra "Mr Owen Falzon Mrs Arlette Falzon Seychell for San Filippu Pharma Ltd …". Ghat-Tribunal huwa car illi r-rikorrent qed jaghmel il-kaz kontra s-socjeta` ntimata u mhux kontra s-Sinjuri Owen Falzon u Arlette Falzon Seychell personalment bhala ndividwi. Dokument 2, li huwa l-uniku kopja ta' kuntratt ta' l-impjieg ipprezentat mir-rikorrent lit-Tribunal, kopja li mhix iffirmata, juri li l-*employer* kien San Filippu Pharma Ltd u s-Sinjuri Falzon u Falzon Seychell kienu firmatarji bhala *Managing Directors*. L-ewwel pagna tad-dikjarazzjoni tar-rikorrent tal-kaz tistqarr illi document 2 huwa kopja tal-kuntratt ta' l-impjieg; allura ghat-Tribunal, ghall-finijiet ta' din l-eccezzjoni numru 3.7, is-sehem tas-Sinjuri Falzon u Falzon Seychell fil-kuntratt ta' l-impjieg tar-rikorrent kien dak ta' *Managing Directors*. Ir-rikorrent ippekka minn difett fil-formalita` ta' l-*occhio*. It-Tribunal jilqa' din l-eccezzjoni 3.7 izda ma jqishiex ta' gravita` li tiggustifika l-annullament tal-proceduri ntavolati mir-rikorrent.

4. Peress illi t-Tribunal ma sabx gustifikazzjoni biex jannulla l-proceduri ntavolati mir-rikorrent, hlief l-intavolar tal-verzjoni Maltija tad-dikjarazzjoni tar-rikorrent tal-kaz, liema verzjoni waslet ghand it-Tribunal tardivament, it-Tribunal jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz.

**(iffirmat)**

Is-Sur Joseph Delia

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju